**SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI**

**MALTA**

**PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS**

# Tagħrif fuq il-Liċenzja għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa 2015

**Meta ser jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa 2015?**
Il-kaċċa fir-rebbiegħa hija dipendenti fuq ir-riżultat tar-referendum abrogattiv tal-11 t'April 2015. Ir-riżultat huwa mistenni li jiġi ippubblikat mill-Kummissjoni Elettorali it-Tnejn 13 t'April. Jekk ir-riżultat ikun "Iva", li jfisser li il-Qafas Regolatorju dwar il-Kaċċa fir-Rebbiegħa (L.S. 504.94) ma ġiex abrogat, l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2015 jiftaħ it-Tlieta 14 t'April u jagħlaq il-Ħamis 30 t'April 2015, iż-żewġ dati inklużi. Jekk ir-riżultat ikun "Le", il-President ta' Malta tippubblika Proklama fejn tistipula li il-Qafas Regolatorju dwar il-Kaċċa fir-Rebbiegħa (L.S. 504.94) ġie abrogat (abolit). F'dan il-każ, il-liċenzji speċjali tal-kaċċa fir-rebbiegħa maħruġa permezz ta' dawn ir-Regolamenti ma jibqgħux validi u l-ebda staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għall-gamiema u s-summiena ma jinfetaħ.

**X'ħin tista' tiġi pprattikata l-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015?**
Il-kaċċa se tkun permissibbli mit-Tnejn sal-Ġimgħa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2pm) u s-Sibt, il-Ħdud u l-Festi Pubbliċi minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar (12pm).

**Kemm ser jinħarġu Liċenzji għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015?**
Il-Wild Birds Regulation Unit ser joħroġ Liċenzja Speċjali għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 għal kull min hu eliġibbli. Din il-liċenzja mhix trasferibbli. Sabiex applikant ikun eliġibbli irid ikollu fil-pussess tiegħu il-*Carnet de Chasse* - Kaċċa għall-Għasafar / Fenek Selvaġġ (Frar 2015–Jannar 2016) validu (bit-timbru tal-pulizija u tal-għaqda li tirrapprezentahom).

**Meta u fejn jista' wieħed japplika?**
Wieħed jista' japplika għall-Liċenzja Speċjali għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 mit-Tnejn 23 ta' Marzu sas-Sibt 28 ta' Marzu f'wieħed mill-uffiċini tal-Maltapost waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tagħhom. **Ma jiġux aċċettati aktar applikazzjonijiet wara it-28 ta' Marzu**. Mal-applikazzjoni trid tiġi ppreżentata l-Karta' tal-Identità u l-ktieb tal-*Carnet de Chasse* - Għall-Kaċċa tal-Għasafar / Fenek Selvaġġ (Frar 2015–Jannar 2016) validu.

**Jekk persuna liċenzjata tixtieq tapplika għall-Liċenzja tar-Rebbiegħa 2015 iżda ma tistax tmur hi sabiex timla l-applikazzjoni, jista' japplika ħaddieħor f'isimha ?**
Iva. Min ser japplika f'isem il-persuna li tixtieq takkwista Liċenzja Speċjali għall-Kaċċa tar-Rebbiegħa 2015 għandu jieħu miegħu l-Karta tal-Identità tiegħu u l-Karta tal-Identità tal-applikant jew il-Liċenzja tas-Sewqan (jew kopja ta' waħda minnhom f'każ li l-applikant ikun imsiefer) u l-*Carnet de Chasse* għall-Kaċċa tal-Għasafar / Fenek Selvaġġ (Frar 2015–Jannar 2016) validu tal-persuna li tixtieq takkwista l-liċenzja.

**Xi speċi jistgħu jiġu kkaċċjati?**
Il-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 tiftaħ għal żewġ speċi biss, li huma s-Summiena (*Coturnix coturnix*) u l-Gamiema (*Strepotpelia turtur*).

**Kemm hija l-kwota komplessiva tal-Gamiem u s-Summien?**
Il-kwota komplessiva għall-kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2015 għas-Summien u għall-Gamiem, bħala numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu kkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha hija ta' 11,000 Gamiema u 5,000 Summiena.

**Kemm hija l-kwota massima li wieħed jista' jaqbad?**
Il-kwota ta' għasafar li persuna liċenzjata tista' taqbad f'ġurnata waħda fl-istaġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 hija ta' żewġ (2) għasafar b'kollox (Gamiem u/jew Summien), waqt li l-kwota li persuna liċenzjata tista' taqbad b'kollox matul l-istaġun miftuħ tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 hija ta' erba' (4) għasafar b'kollox (Gamiem u/jew Summien).

**Kif ser jiġi irrapportat xi jkun inqabad?**
Kull kaċċatur li jingħata Liċenzja Speċjali għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 se jkun obbligat sabiex, hekk kif għasfur jiġi maqbud, **iċempel immedjatament** (mhux jibgħat *SMS* bħal qabel) minn numru tal-*mobile* (kif indikat mill-applikant fl-applikazzjoni tiegħu) fuq in-numru indikat fil-Liċenzja Speċjali u jsegwi l-istruzzjonijiet li jingħataw waqt l-istess telefonata. Wara li tkun saret it-telefonata il-kaċċatur jirċievi *SMS* awtomatiku bħala konferma. Dan l-*SMS* m'għandux jitħassar u jibqa' merfuh fil-*mobile*. Jekk tali *SMS* ma jasalx sa ħames minuti mit-telefonata ifisser li għal xi raġuni ir-rapport tal-qbid ma sarx kif suppost u t-telefonata ma ġietx reġistrata. F'dan il-każ, il-kaċċatur huwa mitlub jerġa' jċempel biex jiddikjara b'mod korrett xi jkun qabad, jew iċempel lill-Wild Birds Regulation Unit f'każ ta' xi diffikultà. Kull persuna li jkollha il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 ser tkun ukoll mgħarrfa minnufih (permezz tas-servizz ta' *SMS* fuq in-numru indikat fl-applikazzjoni għall-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015) bl-għeluq tal-istaġun kollu jekk jintlaħaq il-limitu nazzjonali u bl-għeluq ta' parti mill-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 f'każ li jintlaħaq il-limitu ta' speċi waħda. Mingħajr preġudizzju għar-riżultat tar-referendum abrogattiv, il-futur tal-kaċċa fir-rebbiegħa jiddependi fuq rapportaġġ tal-qbid b'mod korrett u kif suppost.

**Il-kaċċaturi huma ukoll obbligati li jimlew il-*Carnet de Chasse* qabel ma jitilqu mis-sit tal-kaċċa bid-dettalji tal-qbid u d-data rispettiva**. Jekk il-kaċċatur ma jkun qabad xejn irid xorta iniżżel id-data meta ħareg u jniżżel 0 jew X fil-kaxxa rispettiva. Hemm penali ta' ħamsin Ewro (€50) għal kull għasfur li ma jiġix iddikkjarat (Klawsola 12(6) tal-iSkeda VIII tar-Regolamenti 27A tal-LS 504.71[1]). Iżda, jekk in-numru ta' għasafar mhux iddikjarati jaqbeż żewġ għasafar (il-kwota massima f'ġurnata), il-persuna titressaq il-Qorti u il-liċenzja speċjali tiġi sospiża immedjatament.

**Kif ser ikun żgurat l-infurzar tal-kundizzjonijiet tal-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015?**
Il-Gvern huwa kommess li jkompli jaħdem fuq is-superviżjoni u l-infurzar tal-istaġuni tal-kaċċa. Se jiżdiedu il-Pulizija ngaġġati mal-Unit għall-Infurzar tal-Liġi Amministrattiva (ALE), u se jiġu ngaġġati marixxalli tal-kaċċa għall-perjodu tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa. Għal kull elf (1,000) kaċċatur li jkunu fil-pussess ta' Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015, għandu jkun hemm tal-inqas seba' (7) uffiċjali tal-Pulizija u/jew marixxalli tal-kaċċa matul is-siegħat kollha li fihom ikun miftuħ l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa. Barra dawn is-siegħat, ser ikun hemm tal-inqas żewġ (2) uffiċċjali tal-Pulizija u jew marixalli matul il-ħinijiet tal-ġurnata.

Kull kaċċatur irid iżomm fuqu kemm il-Ktieb tal-*Carnet de Chasse* (Frar 2015–Jannar 2016) kif ukoll il-Liċenzja Speċjali tal-Kaċċa fir-rebbiegħa 2015 kull meta joħroġ għall-kaċċa.

Il-Pulizija, assistita mill-marixxalli kif jista' jkun meħtieġ, għandha tkompli twettaq verifiki fuq il-post għal tal-inqas ġimgħatejn wara li jkun għalaq l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa, sabiex jipprevjenu l-kaċċa illegali. Wara li jkun għalaq l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa, għal kull elf (1,000) Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa maħruġa dik is-sena, għandu jkun hemm tal-inqas tlett (3) uffiċċjali tal-Pulizija u/jew marixxalli tal-kaċċa matul il-ħinijiet tal-ġurnata.

Il-Pulizija, assistita mill-marixxalli kif jista' jkun meħtieġ, ser tagħmel *spot checks* regolari biex jiġu sorveljati l-kundizzjonijiet kollha marbuta mal-istaġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa.

Mhux ser jiġi ttollerat l-ebda ksur tar-regolamenti. Min jinqabad jikser xi regoli jew kundizzjonijiet tal-għoti ta' Liċenzja Speċjali għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015 jitlef il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2015, il-Liċenzja ġenerali tal-kaċċa u jingħata ukoll penali oħra skont il-liġi u skont is-severità tal-każ.

[1] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=2

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GHALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

MALTA

# Information on the Licence for Hunting of Turtle Dove and Quail during the Spring Season 2015

**When will the Spring Hunting Season 2015 open?**
Spring hunting is dependent on the outcome of the abrogative referendum that will be held on the 11th April 2015. The result of the referendum is expected to be officially published by the Electoral Commission on Monday 13th April. If the result is a "Yes", that is the Spring Hunting Framework Regulations (SL 504.94) have not been abrogated, the 2015 spring hunting season would open on Tuesday 14th April and will close on Thursday 30th April 2015, both dates included. If the result is a "No", the President of Malta shall publish a Proclamation which will stipulate that the Spring Hunting Framework Regulations (SL 504.94) have been abrogated (abolished). In this case, all Special Spring Hunting Licenses issued under these Regulations will become null and void and no hunting season for Turtle Dove and Quail in spring will be opened.

**At what time and on which days can hunting in Spring 2015 be practised?**
Hunting during Spring 2015 open season is permitted from Monday to Friday from two hours before sunrise until 2pm and on Saturdays, Sundays and Public Holidays from 2 hours before sunrise till 12pm (noon).

**How many Licences for Hunting in Spring 2015 will be issued?**
The Wild Birds Regulation Unit will issue a 2015 Spring Hunting Licence to anyone who is eligible. This licence is not transferable. Eligible applicants are those applicants who hold a valid *Carnet de Chasse* February 2015–January 2016 (hunting licence) in their possession (rubber stamped by the Police and Hunters' Association).

**Where can one apply for the 2015 Spring Hunting Licence?**
Eligible applicants may apply at any MaltaPost branch from Monday 23rd March to Saturday 28th March during opening hours. **No applications will be accepted after this period**. Upon application, each applicant must present his/her Identity Card together with his/her *Carnet de Chasse* (February 2015–January 2016).

**If a licensed person would like to apply for the 2015 Spring Licence but cannot submit the application himself, can another person submit the application on his behalf?**
Yes. The person who would like to apply on behalf of the licensed person should take with him/her his/her own Identity Card, and applicant's Identity Card or Driving Licence (or a copy of any one of these in case the applicant is abroad) together with the valid *Carnet de Chasse* 2015–2016 of the applicant.

**Which species may be hunted?**
Turtle Doves and Quails are the only two species which can be hunted in Spring 2015.

**What is the hunting quota for Spring 2015 (national hunting bag)?**
The quota (national hunting bag limit) is of a maximum of 11,000 Turtle Doves and 5,000 Quails.

**What is the daily bag limit?**
The daily bag limit is of two (2) birds (Turtle Dove and/or Quail) per Licencee, whilst the seasonal quota per Licensee is of four (4) birds (Turtle Dove and/or Quail) for the entire 2015 Spring Hunting Season or however many below this number might have been hunted before the season is closed.

**How will hunters report their catch?**
Any hunter in possession of the Special Licence for Hunting in Spring 2015 is **obliged to call** (not send SMS, as in previous years) from the mobile number as specified in his/her application form to the respective number indicated in the Special Licence **immediately after hunting a turtle dove or quail** and to follow the instructions provided thereafter. After telephonic report of a catch is made, the hunter will receive an automatic confirmation SMS which must be saved on the mobile phone. If such confirmation SMS is not received after more than five minutes following telephonic report, that means that for some reason the telephonic report has not been registered. In such cases, the hunter is advised to repeat the reporting procedure, or, in case of difficulty, contact the Wild Birds Regulation Unit. Each hunter holding a Licence for Hunting in Spring 2015 shall also be informed immediately – by means of a text message (SMS) on the number indicated by the hunter in the application for a Licence for Hunting in Spring 2015 – when the season is closed completely if the national limit is reached. Each licensed hunter will also be informed immediately by SMS with the closure of part of the Licence for Hunting in Spring 2015 in the case that the limit is reached for one species. Without prejudice to the outcome of the abrogative referendum result, the future of spring hunting derogation depends on the truthful and accurate reports of catches made.

**The licensed hunter is also obliged to declare each time one went out hunting, as well as each Turtle Dove and Quail shot by himself on his *Carnet de Chasse* - *Għall-Kaċċa tal-Għasafar / Fenek Selvaġġ (Frar 2015–Jannar 2016)* booklet before leaving the hunting zone**. The Licensee will be subject to a fine of fifty Euros (€50) for each undeclared bird (Clause 12(6) of Schedule VIII of Regulations 27A of SL 504.71[2]) provided that the number of undeclared birds does not exceed daily bag limit of 2 birds. Should this number be exceeded, the offender will be prosecuted in court and his spring hunting license shall be suspended with immediate effect.

**How is the enforcement of the conditions of the Licence for Hunting in Spring 2015 going to be ensured?**
The Government is committed to continue to work on supervision and enforcement to ensure that the quotas are not exceeded. For each one thousand (1,000) hunters in possession of the Licence for 2015, seven (7) police officers or hunting marshals shall be on duty during the hours that Spring hunting is permitted. Outside these hours, at least two (2) Police officers or hunting marshals shall also be on duty during the hours of daylight.

All hunters in possession of a Licence for Hunting in Spring 2015 are expected to carry the Licence for Hunting in Spring 2015.

The Police, assisted by hunting marshals as may be necessary, shall continue to carry out on-site verifications until at least four weeks following the start of the spring hunting season, in order to prevent illegal hunting. Following the closure of the spring hunting season, for every one thousand (1,000) Spring Hunting Licence issued at least three (3) Police officers and/or hunting marshals shall be on duty during the hours of daylight.

The Police, as assisted by hunting marshals as may be necessary, shall continue to carry out regular spot checks so as to monitor all the conditions related to the Spring hunting season.

Any violations of the regulations will not be tolerated. Anybody caught breaching the rules and conditions of the Licence for Hunting in Spring 2015 loses the Licence for Hunting in Spring 2015 and the general hunting licence, and will also be subject to other penalties under the law, according to the severity of the case.

[2] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=1